**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 22/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Abdirahman Aden Mohamud**
**(ID 9001003(A))**

**Illum, 3 ta' Mejju 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Abdirahman Aden Mohamud ta' 22 sena, iben Adam u Fosia nee` Farah, imwieled Somalia fl-1 ta' Jannar 1995, residenti f'indirizz mhux maghruf, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 9001003(A) u b'numru tal-Pulizija 14A053;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Marzu 2017 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data:

1) Ipproduca, biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Forna jew ipprokura jew offra li jforni u jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

5) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

8) U aktar talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

9) U aktar talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. N. Camilleri LL.D. nhar l-14 ta' Jannar 2016 u mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. nhar it-2 ta' Marzu 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu. Biss fil-waqt illi fid-dawl tal-ammissjoni tieghu u anke a bazi tal-provi prodotti, l-imputat qed jinstab hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, it-tmien u d-disa' imputazzjoni, minkejja din l-ammissjoni, il-Qorti m'hijiex issib htija fir-rigward tas-seba' imputazzjoni u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati izjed 'il quddiem.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni mill-banda l-wahda l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri u li sa certu punt, l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, il-fedina penali tal-imputat, kif aggornata saz-zmien tal-kaz odjern, mil-liema fedina penali jirrizulta illi l-imputat gie kkundannat dwar reati bi ksur tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, reati konnessi mad-droga ossia traffikar u pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis*, dawn tal-ahhar aggravati bid-distanza, kif ukoll reati kontravvenzjonali. Din ghalhekk m'hijiex l-ewwel darba illi l-imputat qed jinstab hati ta' akkuzi konnessi ma' traffikar tad-droga u minkejja li gie kkundannat, dwar reati simili, f'Marzu 2016, jidher li ma tghallem xejn minn dan kollu, izda minflok, sena wara, qieghed jigi misjub hati dwar ir-reati odjerni.

Qieset in-natura u s-serjeta` tal-imputazzjonijiet odjerni u li ghar-reati kkontemplati fl-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, japplika l-aggravju tad-distanza ai termini tal-proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk il-piena ghal dawn ir-reati ghandha tizdied bi grad.

Qieset illi l-imputat instab fil-pussess ta' 0.509 gramma *cannabis grass* u 0.07 gramma raza tal-*cannabis*, kif ukoll tliet bicciet ohra raza tal-*cannabis* b'piz ta' cirka 3.086 grammi u kokaina b'piz ta' cirka 0.949 grammi.

Ikkunsidrat illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fis-26 ta' Marzu 2017, jirrizulta illi fir-rigward tas-sustanzi *cannabis grass* u raza misjuba fuq il-persuna tieghu, l-imputat jghid illi dawn kienu ghall-uzu personali tieghu u illi kemm ilu gewwa Malta, ossia tliet snin, huwa kien ipejjep kemm il-pjanta, kif ukoll ir-raza tal-*cannabis*. Huwa kkonferma illi l-piz tal-pjanta tal-*cannabis* misjuba fuq il-persuna tieghu kien ta' cirka 0.509 grammi, fil-waqt illi l-piz tar-raza tal-*cannabis*

li nstabet fuq il-persuna tieghu kien ta' cirka 0.076 grammi. Ghalkemm ghall-ewwel l-imputat jinnega illi l-kokaina u t-tliet bicciet raza tal-*cannabis* kienu tieghu, sussegwentement jghid illi l-kokaina giet moghtija lilu minn terza persuna sabiex ibieghha. Jghid illi huwa kien gie mhedded sabiex jaghmel dan u li kien ghalhekk li ddeciedha li jbieghha. Jghid ukoll illi wara ddeciedha li jahbi l-kokaina ghaliex ma riedx ibieghha. L-imputat jghid illi kien ser ibiegh il-kokaina bil-prezz ta' €20 u li t-terz li tah din id-droga qallu li ried €20 taghha, ghalkemm seta' jiddetermina hu l-prezz finali. Jghid ukoll illi anke t-tliet bicciet raza tal-*cannabis* kienu tieghu u li dawn ukoll nghataw lilu minghand it-terza persuna sabiex ibieghhomlu. Jghid illi dan qallu biex ibiegh il-*cannabis* bil-prezz ta' €10 u li mbaghad, seta' jiddetermina hu stess l-prezz finali taghhom. L-imputat jikkonferma illi din ma kinitx l-ewwel darba li biegh ir-raza u l-kokaina gewwa Paceville u jghid illi dan kien ghaliex l-istess terz gieghlu jbiegh ir-raza u l-kokaina. Jghid illi ma riedx ibiegh il-kokaina u li biegh biss ir-raza ghaliex kien imbezza' minn dan it-terz.

Issa apparti illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, minghajr ebda rizerva u effettivament id-difiza ma qajjmet l-ebda eccezzjoni ta' koerzjoni fir-rigward tal-imputat odjern, il-Qorti tinnota illi lanqas mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat ma jirrizultaw sal-grad tal-probabbli l-elementi tal-koerzjoni ghaliex apparti li ma jirrizultax illi fil-waqt tal-att – li *del resto* skont l-imputat ma kienx att ta' darba - kienet ezistenti xi forza barranija ossia t-theddida tal-persuna li huwa jsemmi fl-istqarrija tieghu, tant li fir-rigward tal-jum tal-arrest tieghu huwa jghid illi huwa ltaqa' ma' din il-persuna fl-4.30 p.m., meta fil-fatt mill-istess stqarrija jidher li gie arrestat ghall-habta tas-6.30 p.m., in oltre fil-waqt li l-imputat jghid illi dan it-terz poggielu sikkina ma' ghonqu, minn imkien ma jirrizulta illi din kienet xi forza barranija li huwa verament ma setax jirrezistiha, kuntrarjament ghal forza li huwa ma ppruvax jirrezisti.[1] Dan apparti li t-theddid, fil-fehma tal-Qorti, baqa' sempliciment allegazzjoni da parti tal-imputat.

Tqis ghalhekk illi kif ammess mill-imputat fl-istqarrija tieghu, huwa traffika d-droga f'okkazzjonijiet ohrajn qabel il-jum tal-arrest tieghu, apparti illi r-raza misjuba fil-pussess tieghu (apparti dik fuq il-persuna tieghu) kienet ukoll intiza ghall-ispacc. Fir-rigward tal-kokaina, ghalkemm jghid illi ma riedx ibieghha – dikjarazzjoni din li l-Qorti ma taghtihiex affidament wara li tqis li l-imputat ammetta li kien biegh il-kokaina f'okkazzjonijiet precedenti - din ukoll kienet fil-pussess tieghu u giet moghtija lilu, skont hu, proprju sabiex jispaccaha. Fil-fatt

---

[1] Ara l-elementi tal-koerzjoni taht l-Artikolu 33 tal-Kap. 9, kif imfissra fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Richard Gauci</u>** tat-13 ta' Settembru 2001.

minn imkien ma jirrizulta mill-istqarrija tieghu illi l-istess imputat kien jaghmel uzu mill-kokaina u l-Qorti tinnota wkoll illi fil-waqt illi s-sustanzi li kienu ghall-uzu tieghu gew misjuba fuq il-persuna tieghu, il-bqija tas-sustanzi l-ohra inkluz il-kokaina ma gewx hekk misjuba. F'dan ir-rigward tqis ukoll illi ghalkemm l-imputat ammetta anke ghas-seba' imputazzjoni, biss minn imkien ma jirrizulta illi fiz-zmien tal-imputazzjonijiet odjerni huwa kien jaghmel uzu mis-sustanza kokaina jew li din is-sustanza kienet intiza ghall-uzu tieghu. Ghaldaqstant, tqis illi s-seba' imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Tqis ukoll ghal fini ta' piena r-reat ikkontemplat fil-hames imputazzjoni bhala kompriz u involut fir-reat ikkontemplat fit-tielet imputazzjoni. In oltre fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 anke fir-rigward tas-sitt imputazzjoni ossia dwar il-piena ta' multa li qeghda tapplika ghall-istess imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(b), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b), (f), 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt illi qed issib lill-imputat mhux hati tas-seba' imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet u qed tikkundannah ghall-piena ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza - u piena ta' multa ta' elf u seba' mitt Euro (€1,700).

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tas-somma ta' hdax-il Euro u ghoxrin centezmu (€11.20) formanti parti minn Dokument FT5 favur il-Gvern ta' Malta, fil-waqt li tordna r-rilaxx tal-*mobile phones,* esebiti wkoll bhala parti minn Dokument FT5, favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni ta’ Dokumenti FT3 u FT4, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat